22005D0135

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 135/2005

tal-21 ta' Ottubru 2005

li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim tal-KEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 90/2004 [1].

(2) Ikun xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim tiġi estiża biex tkun tinkludi d-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-22 ta' Lulju 2002 li tistabilixxi s-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità [2].

(3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex jippermetti li sseħħ din il-kooperazzjoni estiża b'effett mill-1 ta' Jannar 2005,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-Artikolu 3(7) tal-Protokoll 31 tal-Ftehim:

"(d) L-atti tal-Komunità li ser jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2005:

— **32002 D 1600**: Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi s-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità (ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1).".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim [*].

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2005.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 21 ta' Ottubru 2005.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE
Il-President
HSH Prinz Nikolaus von LIECHTENSTEIN

---

(1) ĠU L 349, 25.11.2004, p. 52.
(2) ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.
(*) Ebda ħtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.